



30.01.2013

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Subject: Petizzjoni 0195/2011, imressqa minn Baudilio Ros Prat, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem l-Istitut Agrikolu Katalan San Isidro, dwar il-proġett għall-kanal ta' irrigazzjoni Segarra-Garrigues f'Lérida

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, li jirrappreżenta lill-bdiewa u dawk li jrabbu l-bhejjem ta' Lérida, jappoġġja l-proġett għall-kanal ta' irrigazzjoni Segarra-Garrigues, meqjus bħala ta' interess ġenerali u li bih 70,000 ettaru ta' art niexfa se tissaqqa, u għalhekk se jkun ta' benefiċċju għal 17,000 detentur tad-dritt għall-ilma. Madankollu, l-għan u l-iskop tal-proġett iddgħajfu mill-Gvern Awtonomu Katalan, li kklassifika 42,000 ettaru bħala żona ta' protezzjoni speċjali jew bħala siti tan-Natura 2000. Il-fatt li għalhekk l-irrigazzjoni se tiġi pprojbita f'dawn is-siti jmur kontra l-proġett ta' irrigazzjoni, li issa jista' jkopri nofs iż-żona maħsuba fil-bidu, u se jirriżulta fit-telf ekonomiku u soċjali korrispondenti, li fl-opinjoni tal-petizzjonant se jkun akbar mill-benefiċċji ambjentali.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-24 ta' Mejju 2011. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-26 ta' Ottubru 2011.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jindikaw li l-adattamenti li saru fiż-żona oriġinali ta' irrigazzjoni kkonċernata mill-proġett imsemmi mill-petizzjonant jirriżultaw mill-applikazzjoni tas-sentenzi suċċessivi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' Ġunju 2007, fil-kawża C-235/04, u tas-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, fil-kawża C-186/06.

Għaldaqstant, għandu jiġi nnotat li l-awtoritajiet Spanjoli kompetenti ħadu l-miżuri msemmija

mill-petizzjonant abbażi taż-żewġ sentenzi msemmijin hawn fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, biex b'hekk ikunu konformi mal-liġi ambjentali tal-UE.

Fid-dawl ta' dan, il-proġett "Kanal ta' Irrigazzjoni Segarra-Garrigues", li għalih tirreferi l-petizzjoni, ma bbenefikax minn finanzjament Komunitarju, la mill-Fond ta' Koeżjoni u lanqas mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

Madankollu fl-2010, il-Kummissjoni rċeviet talba għal kofinanzjament Komunitarju għall-proġett "*Abastecimiento desde el Canal de Segarra-Garrigues (Lleida)*" (Provvista tal-ilma mill-Kanal Segarra-Garrigues (Lleida)). Din it-talba saret mill-awtoritajiet Spanjoli u taq' taħt il-prijoritajiet tal-Programm Operattiv "Fond ta' Koeżjoni-FEŻR" (2007-2013). L-għan tal-proġett huwa l-bini ta' infrastrutturi biex ikun hemm netwerk mill-Kanal Segarra-Garrigues għall-provvista ta' ilma tajjeb għax-xorb, li minnu jibbenefikaw 43 municiplità li jinsabu fiż-żoni ta' L'Anoia, La Conca del Barberà, La Segarra u L'Urgell fir-reġjun ta' Katalunja. Iż-żoni kkonċernati għandhom popolazzjoni ta' 62,597 abitant.

L-infrastrutturi ta' din is-sistema jinvolvu t-teħid tal-ilma mill-Kanal Segarra-Garrigues, qrib il-municiplità ta' Les Pallargues, biex l-ilma jitwassal sal-impjant fejn l-ilma jiġi trattat biex isir ilma tajjeb għax-xorb, liema impjant jinsab fil-municiplità ta' Ratera. Huwa ppjanat li t-tagħmir f'dan l-impjant jiżdied biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu trattati 8 Hm³ fis-sena. In-netwerk ta' distribuzzjoni jipprevedi kanal prinċipali li minnu joħorġu wkoll il-kanali sekondarji li jwasslu l-ilma fil-municiplitajiet li se jibbenefikaw minn dan il-proġett. Il-proġett jinkludi wkoll 10 pompi tul il-kanali tal-ilma u 5 postijiet li fihom jinġabar l-ilma. Ġew previsti wkoll kejbils tal-elettriku, tagħmir ta' awtomazzjoni u ta' kontroll tal-installazzjonijiet, kif ukoll miżuri korrettivi għall-impatt ambjentali. It-tul previst għan-netwerk prinċipali huwa ta' 48.9 km u dak għan-netwerk sekondarju huwa ta' 64.2 km.

Fis-26 ta' April 2011, l-awtoritajiet kompetenti bagħtu lill-Kummissjoni l-kumpliment tal-informazzjoni li kienet talbithom biex tkun tista' tkompli tevalwa l-proġett. Attwalment, il-proġett tal-provvista huwa fl-aħħar fażi ta' evalwazzjoni (l-abbozz tad-deċiżjoni) qabel ma l-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni. Id-deċiżjoni tikkonċerna għajnuna Komunitarja ta' EUR 15,500,000 u l-ispiża eliġibbli tal-proġett tammonta għal EUR 31,310,601.

L-awtoritajiet Spanjoli responsabbli mit-talba li saret lill-Kummissjoni kkonfermaw l-indipendenza mill-perspettiva formali u konċettwali tal-"Proġett għall-provvista tal-ilma mill-Kanal Segarra-Garrigues" u l-"Proġett ta' irrigazzjoni tal-Kanal Segarra-Garrigues".

Konklużjoni

Is-servizzi tal-Kummissjoni jqisu li s-suġġett tat-talba tal-petizzjonant jirrigwarda l-"Proġett ta' irrigazzjoni tal-Kanal Segarra-Garrigues" u mhux dak ippreżentat lill-Kummissjoni, li attwalment qed jiġi evalwat, magħruf bħala l-"Proġett għall-provvista tal-ilma mill-Kanal Segarra-Garrigues (Lleida)".

L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw l-indipendenza taż-żewġ proġetti, kemm mill-perspettiva formali kif ukoll minn dik konċettwali. Skonthom, iż-żewġ proġetti ġew imfassla b'mod separat u segwew proċeduri differenti.

Il-Kummissjoni tikkonferma li, fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala żoni ta' protezzjoni għall-għasafar u fir-rigward tal-miżuri meħuda fiż-żoni inkwistjoni, l-awtoritajiet kompetenti aġixxew fil-qafas tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, u fir-rigward tat-tieni proġett, il-"Proġett għall-provvista tal-ilma mill-Kanal Segarra-Garrigues (Lleida)", il-

Kummissjoni ma tarax għalfejn m'għandhiex titkompla l-proċedura ta' evalwazzjoni tal-proġett li tista' twassal għall-għoti tal-għajnuna mitluba.

Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Spanjoli, il-“Proġett ta' Irrigazzjoni tal-Kanal Segarra-Garrigues” ingħata finanzjament pubbliku ta' EUR 5,971,013.15, li EUR 2,369,325.56 minnhom ġew allokati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG).

4. Risposta tal-Kummissjoni (REV), li waslet fit-30 ta' Jannar 2013.

B'segwitu għall-komunikazzjoni preċedenti tagħha, kif ukoll għal-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'Marzu 2012, is-servizzi tal-Kummissjoni jixtiequ jifformulaw il-kummenti addizzjonali li ġejjin, b'mod partikolari dwar is-suġġett tal-klassifikazzjoni tas-siti tan-Natura 2000.

Skont id-Direttiva dwar l-Għasafar, l-Istati Membri huma meħtieġa jidentifikaw, jillimitaw u jindikaw l-aktar territorji tajbin fin-numru u daqs bħala Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) għall-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċi, b'konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom ta' protezzjoni fiż-żona ġeografika tal-baħar u tal-art fejn tapplika din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-kriterji ornitoloġiċi biss, bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva dwar l-Għasafar, jippermettu d-definizzjoni tal-aktar siti tajbin bl-għan għall-klassifikazzjoni tagħhom bħala ŻPS. Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom jipprovdu liż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali msemija fiha b'reġim legali ta' ħarsien li huwa kapaċi, b'mod partikolari, jiżgura kemm is-sopravvivenza u r-riproduzzjoni tal-ispeċi tal-għasafar, elenkati fl-Anness I tad-Direttiva, u t-tgħammir, il-ħrif u żoni fejn iqattgħu ix-xitwa s-speċi li jemigraw li huma viżitaturi regolari, għalkemm mhux imniżżla f'dak l-Anness.

L-Istati Membri ma jistgħux jikkunsidraw il-ħtiġijiet ekonomiċi msemija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar l-Għasafar meta jagħżlu u jiddefinixxu l-limiti taż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali jew jikkunsidraw il-ħtiġijiet ekonomiċi li jikkostitwixxu interess ġenerali superjuri għal dak rappreżentat mill-għan ekoloġiku tad-Direttiva.

Bħal kull att amministrattiv ieħor, id-deċiżjoni għall-klassifikazzjoni taż-ŻPS tista' tiġi kkuntestata quddiem qnati nazzjonali.